Il-Ħamis, 14 ta' Novembru 2019

III

(Atti preparatorji)

IL-PARLAMENT EWROPEW

P9_TA(2019)0052

Bejgħ b'distanza ta' merkanzija u ċerti provvisti domestiċi ta' merkanzija *

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Novembru 2019 dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 fir-rigward tad-dispożizzjonijiet relatati ma' bejgħ b'distanza ta' merkanzija u ċerti provvisti domestiċi ta' merkanzija (COM(2018)0819 – C8-0017/2019 – 2018/0415(CNS))

(Proċedura leġiżlattiva speċjali – konsultazzjoni)

(2021/C 208/07)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2018)0819),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 113 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C8-0017/2019),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 82 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A9-0019/2019),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jistieden lill-Kummissjoni timmodifika l-proposta tagħha konsegwentement, skont l-Artikolu 293(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

3. Jistieden lill-Kunsill jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

4. Jitlob lill-Kunsill jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Il-Ħamis, 14 ta' Novembru 2019

Emenda 1

Proposta għal direttiva

Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE ([3]) kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2017/2455 ([4]) tipprevedi li meta persuna taxxabbli tiffaċilita, permezz tal-użu ta' interfaċċa elettronika bħal post tas-suq, pjattaforma jew portal, il-bejgħ b'distanza ta' merkanzija importata minn territorji terzi jew pajjiżi terzi f'kunsinni ta' valur intrinsiku li ma jaqbiżx EUR 150 jew il-provvista ta' merkanzija fi ħdan il-Komunità minn persuna taxxabbli mhux stabbilita hemmhekk lil persuna mhux taxxabbli, il-persuna taxxabbli li tiffaċilita l-provvista għandha titqies li rċeviet u pprovdiet il-merkanzija hi stess. Peress li din id-dispożizzjoni tifred provvista waħda f'żewġ provvisti, jeħtieġ jiġi ddeterminat għal liema provvista għandu jiġi attribwit id-dispaċċ jew it-trasport tal-merkanzija biex jiġi ddeterminat kif suppost il-post tal-provvista tagħhom.	(1) Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE ([3]) kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2017/2455 ([4]) tipprevedi li meta persuna taxxabbli tiffaċilita, permezz tal-użu ta' interfaċċa elettronika bħal post tas-suq, pjattaforma jew portal, il-bejgħ b'distanza ta' merkanzija importata minn territorji terzi jew pajjiżi terzi f'kunsinni ta' valur intrinsiku li ma jaqbiżx EUR 150 jew il-provvista ta' merkanzija fi ħdan il-Komunità minn persuna taxxabbli mhux stabbilita hemmhekk lil persuna mhux taxxabbli, il-persuna taxxabbli li tiffaċilita l-provvista għandha titqies li rċeviet u pprovdiet il-merkanzija hi stess. Peress li din id-dispożizzjoni tifred provvista waħda f'żewġ provvisti, jeħtieġ jiġi ddeterminat għal liema provvista għandu jiġi attribwit id-dispaċċ jew it-trasport tal-merkanzija biex jiġi ddeterminat kif suppost il-post tal-provvista tagħhom. ***Jenħtieġ ukoll li jiġi żgurat li l-fatt taxxabbli ta' dawn iż-żewġ provvisti jsir fl-istess ħin.***
([3]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1).	([3]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1).
([4]) Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2017/2455 tal-5 ta' Diċembru 2017 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE u d-Direttiva 2009/132/KE fir-rigward ta' ċerti obbligi tat-taxxa fuq il-valur miżjud għall-provvisti ta' servizzi u għall-bejgħ mill-bogħod ta' oġġetti (ĠU L 348, 29.12.2017, p. 7).	([4]) Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2017/2455 tal-5 ta' Diċembru 2017 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE u d-Direttiva 2009/132/KE fir-rigward ta' ċerti obbligi tat-taxxa fuq il-valur miżjud għall-provvisti ta' servizzi u għall-bejgħ mill-bogħod ta' oġġetti (ĠU L 348, 29.12.2017, p. 7).

Emenda 2

Proposta għal direttiva

Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Filwaqt li persuna taxxabbli li, permezz tal-użu ta' interfaċċa elettronika, tiffaċilita l-provvista ta' merkanzija lil persuna mhux taxxabbli fil-Komunità, tista' tnaqqas il-VAT imħallsa lil fornituri mhux stabbiliti fil-Komunità, f'konformità mar-regoli eżistenti, ir-riskju huwa li ***dan*** tal-aħħar ma ***jħallasx*** il-VAT lill-awtoritajiet tat-taxxa. Sabiex jiġi evitat dak ir-riskju, il-provvista mingħand il-fornitur li jbigħ merkanzija permezz tal-użu ta' interfaċċa elettronika jenħtieġ li tkun eżenti mill-VAT, filwaqt li dak il-fornitur jenħtieġ li jingħata dritt għal tnaqqis tal-VAT tal-input li ħallas max-xiri jew l-importazzjoni tal-merkanzija pprovduta.	(2) Filwaqt li persuna taxxabbli li, permezz tal-użu ta' interfaċċa elettronika, tiffaċilita l-provvista ta' merkanzija lil persuna mhux taxxabbli fil-Komunità, tista' tnaqqas il-VAT imħallsa lil fornituri mhux stabbiliti fil-Komunità, f'konformità mar-regoli eżistenti, ir-riskju huwa li ***din*** tal-aħħar ma ***tħallasx*** il-VAT lill-awtoritajiet tat-taxxa. Sabiex jiġi evitat dak ir-riskju, il-provvista mingħand il-fornitur li jbigħ merkanzija permezz tal-użu ta' interfaċċa elettronika jenħtieġ li tkun eżenti mill-VAT, filwaqt li dak il-fornitur jenħtieġ li jingħata dritt għal tnaqqis tal-VAT tal-input li ħallas max-xiri jew l-importazzjoni tal-merkanzija pprovduta. ***Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-fornitur ikun dejjem irreġistrat fl-Istat Membru fejn ikun akkwista jew importa dik il-merkanzija.***

Il-Ħamis, 14 ta' Novembru 2019

Emenda 3

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)

Direttiva 2006/112/KE

Artikolu 66a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) jiddaħħal l-artikolu li ġej:
	"Artikolu 66a
	Permezz ta' deroga mill-Artikoli 63, 64 u 65, għandu jseħħ il-fatt taxxabbli ta' provvista ta' merkanzija minn persuna taxxabbli li hija meqjusa li rċeviet u forniet il-merkanzija f'konformità mal-Artikolu 14a u tal-provvista lil dik il-persuna taxxabbli u l-VAT għandha tiġi imposta fil-mument meta jkun ġie aċċettat il-ħlas."

Emenda 4

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4a (ġdid)

Direttiva 2006/112/KE

Artikolu 272 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(4a) fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 272(1), il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:
"(b) persuni taxxabbli li ma jwettqu l-ebda waħda ***mit-transazzjonijiet*** imsemmija fl-Artikoli 20, 21, 22, 33, 36, 138 u 141;"	"(b) persuni taxxabbli li ma jwettqu l-ebda waħda ***mit-tranżazzjonijiet*** imsemmija fl-Artikoli 20, 21, 22, 33, 36, ***136a,*** 138 u 141;"

Emenda 5

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt a

Direttiva 2006/112/KE

Artikolu 369a – paragrafu 1 – punt 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) fil-każ ta' provvista ta' merkanzija magħmula ***permezz ta' interfaċċa elettronika*** li tiffaċilita dawk il-provvisti skont il-paragrafu 2 tal-Artikolu 14a fejn id-dispaċċ jew it-trasport tal-oġġetti pprovduti jibda u jispiċċa fl-istess Stat Membru, tfisser dak l-Istat Membru.";	(c) fil-każ ta' provvista ta' merkanzija magħmula ***minn persuna taxxabbli*** li tiffaċilita dawk il-provvisti skont il-paragrafu 2 tal-Artikolu 14a fejn id-dispaċċ jew it-trasport tal-oġġetti pprovduti jibda u jispiċċa fl-istess Stat Membru, tfisser dak l-Istat Membru.";

Il-Ħamis, 14 ta' Novembru 2019

Emenda 6

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt b

Direttiva 2006/112/KE

Artikolu 369a – paragrafu 2 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jiżdied ***it-tielet*** paragrafu li ġej:	(b) jiżdied ***il-***paragrafu li ġej:
"***Fejn*** persuna taxxabbli ma ***stabbilietx*** in-negozju tagħha fil-Komunità u ma jkollha l-ebda stabbiliment fiss ***fiha***, l-Istat Membru ta' identifikazzjoni għandu jkun l-Istat Membru li ***minnu ntbagħtet*** jew ***kienet ittrasportata l-***merkanzija. ***Fejn ikun*** hemm aktar minn Stat Membru wieħed li ***minnu l-***merkanzija ***ntbagħtet jew kienet ittrasportata,*** il-persuna taxxabbli għandha tindika liema minn dawk l-Istati Membri għandu jkun l-Istat Membru ta' identifikazzjoni. Il-persuna taxxabbli għandha tkun marbuta ***b'din*** id-deċiżjoni għas-sena kalendarja konċernata u għas-sentejn kalendarji ta' wara."	"***Meta*** persuna taxxabbli ma ***tkunx stabbiliet*** in-negozju tagħha fil-Komunità u ma jkollha l-ebda stabbiliment fiss ***hemmhekk***, l-Istat Membru ta' identifikazzjoni għandu jkun l-Istat Membru li ***fih jibda d-dispaċċ*** jew ***it-trasport tal-***merkanzija. ***Meta jkun*** hemm aktar minn Stat Membru wieħed li ***fih jibda d-dispaċċ jew it-trasport tal-***merkanzija, il-persuna taxxabbli għandha tindika liema minn dawk l-Istati Membri għandu jkun l-Istat Membru ta' identifikazzjoni. Il-persuna taxxabbli għandha tkun marbuta ***b'dik*** id-deċiżjoni għas-sena kalendarja kkonċernata u għas-sentejn kalendarji ta' wara."

Emenda 7

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11

Direttiva 2006/112/KE

Artikolu 369 g – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) bejgħ intra-Komunitarju b'distanza ta' merkanzija u provvisti ta' merkanzija skont il-paragrafu 2 tal-Artikolu 14a fejn id-dispaċċ jew it-trasport tal-merkanzija pprovduti jibda u jispiċċa fl-istess Stat Membru;	(a) bejgħ intra-Komunitarju b'distanza ta' merkanzija u provvisti ta' merkanzija;
	(aa) provvisti ta' merkanzija skont il-paragrafu 2 tal-Artikolu 14a fejn id-dispaċċ jew it-trasport tal-merkanzija pprovduti jibda u jispiċċa fl-istess Stat Membru;

Il-Ħamis, 14 ta' Novembru 2019

Emenda 8

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11a (ġdid)

Direttiva 2006/112/KE

Artikolu 369 g – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(11a) fl-Artikolu 369 g, jiżdied il-paragrafu li ġej:
	"2a. Meta l-persuna taxxabbli li tipprovdi s-servizzi koperti mill-iskema speċjali jkollha stabbiliment fiss wieħed jew aktar, għajr dak fl-Istat Membru ta' identifikazzjoni, li minnu jiġu pprovduti s-servizzi, id-dikjarazzjoni tal-VAT għandha tinkludi wkoll il-valur totali mingħajr il-VAT, ir-rati tal-VAT applikabbli, l-ammont totali għal kull rata tal-VAT korrispondenti u l-VAT totali dovuta ta' tali provvisti, għal kull Stat Membru li fih il-persuna taxxabbli jkollha stabbiliment, flimkien man-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT individwali jew in-numru ta' referenza tat-taxxa ta' kull stabbiliment, diżaggregati skont l-Istat Membru ta' konsum."

Emenda 9

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12

Direttiva 2006/112/KE

Artikolu 369zb – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
"2. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li l-VAT imsemmija fil-paragrafu 1 titħallas kull xahar***. L-iskadenza*** għall-ħlas ***hija dik*** applikabbli għall-ħlas ta' dazju fuq l-importazzjoni ***f'sitwazzjonijiet simili***."	"2. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li l-VAT imsemmija fil-paragrafu 1 titħallas kull xahar ***sal-iskadenza*** għall-ħlas applikabbli għall-ħlas ta' dazju fuq l-importazzjoni.".